MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2009

Appell Civili Numru. 167/2007/1

**Vella Falzon Capital Projects Limited**

**vs**

**Roderick Bonnici**

**Il-Qorti,**

Fit-28 ta’ Mejju, 2008, il-Qorti Civili tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza preliminari fl-ismijiet premessi:-

> **“**Il-Qorti:-
>
> Rat li s-socjeta attrici pprezentat rikors fir-Registru ta’ din il-Qori nhar il-hamsa (5) ta’ Gunju 2007 fejn talbitha tikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta’ erbat elef disa’ mija u sittax-il lira u tlieta u erbghin centezmu Malti (LM4,916.43) oltre l-imghax legali rapprezentanti din is-somma bilanc

minn somma akbar, prezz ta' merkanzija mibjugha u konsenjata lilu mill-kumpanija rikorrenti u ta' xoghlijiet ta' tqeghid tal-isess merkanzija li ghadu ma thallasx.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali datata tmienja (8) t'April 2007.

Il-konvenut ingunt in subizzjoni.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut Roderick Bonnici prezentata nhar is-sbatax (17) ta' Settembru 2007 fejn ecepixxa s-segwenti:-

1. Illi in linea preliminari t-talbiet attrici 'n kwantu jikkoncernaw it-talba ghal hlas tal-merkanzija mibjugha u kkonsenjata ghandha tigi michuda stante li l-konvenut ma ghandu l-ebda relazzjoni guridika mas-socjeta attrici.
2. Illi sussidjarament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, in vista ukoll sia tal-eccezzjoni precedent u sia ta' dawk sussegwenti, ghandu qabel xejn jigi determinat kemm hu l-ammont li s-socjeta attrici qed tirreklama bhala hlas tax-xoghlijiet.
3. Illi sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici in kwantu jikkoncernaw l-ammont reklamat in konsiderazzjoni tal-merkanzija mibjugha dan mhux dovut.
4. Illi sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, in kwantu jikkoncerna l-ammont reklamat in konsiderazzjoni tax-xoghlijiet ta' tqeghid, dan mhux dovut stante li ma sarx skond l-arti u s-sengha.
5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Rat in-nota tal-konvenut li permezz taghha esebixxa l-affidavit tieghu flimkien ma tlett (3) dokumenti mmarkati bhala Dok. RB 1 sa RB 3.

**Roderick Bonnici** jistqarr li ghall-habta tal-ahhar ta’ Lulju 2004 kien qed jaghmel xi xoghlijiet fid-dar tieghu f’Hal Qormi w ghalhekk kien qed idur diversi hwienet biex jara l-prezzijiet u minghand min kien ser jixtri l-madum u l-kamra tal-banju ghad-dar. Fost l-ohrajn jghid li mar ghand is-socjeta attrici f’Hal Qormi. Kien ghogbu l-materjal u ghalhekk kien ha l-*quote*.

Wara ftit kien rega mar ghand is-socjeta attrici u ghamel ordni ghal madum ta’ l-art, Gres ghat-tarag u l-parquet. Ma l-ordni Alexis Vella Falzon kien talbu sabiex ighamel *deposit* u fil-fatt huwa kien hallas is-somma ta’ hames mitt lira Maltin (LM500) akkont u dan kif jirrizulta mir-ricevuta esebita u markata bhala Dok. RB 1. Din ir-ricevuta kienet harget mis-socjeta Vella Falzon Building Supplies Ltd. Ikkonferma li din l-ordni giet konsenjata lilu wara xaghrejn.

Nelfrattemp huwa baqa’ idur sabiex jara l-prezzijiet tal-kmamar tal-banju u spicca rega mar ghand Vella Falzon sabiex jistaqsihom ghal xi *quotation* u ddecida li jixtri l-kamra tal-banju minghandu ghaliex kien tah *discount* tajjeb. Huwa ghalhekk ghamel l-ordni u tah s-somma ta’ elfejn lira Maltin (LM2,000) bhala akkont. L-ircevuta li nghatatlu harget mis-socjeta Vella Falzon Building Supplies Ltd u dana kif jidher mid-dokument esebit u markat bhala Dok. RB 2.

Jispjega illi waqt l-ordni qamet il-kwistjoni min kien ser iqieghdlu l-madum u Alex Vella Falzon qallu li seta jaqdih. Waqt li beda x-xoghol Alex Vella Falzon kien cempillu u staqsih ghal depozitu iehor u fil-fatt tah *deposit* iehor akkont tax-xoghlijiet fl-ammont t’elf lira Maltin (LM1,000). L-ircevuta li nghata din id-darba kienet intestata Vella Falzon Capital Projects Limited u dan kif jirrizulta mir-ricevuta esebita u markata bhala Dok. RB 3. Jghid li sa dak iz-zmien li ghamel dan il-pagament il-kamra tal-banju kienet ghadha ma waslitx u fil-

fatt jispjega li damet ma waslet. Fil-fatt waslet xi sena wara.

In kontr'ezami nhar it-tnax (12) ta' Dicembru 2007 ix-xhud ighid li kien minnu li f'Lulju 2004 huwa kien mar ghand Vella Falzon fil-hanut gewwa Hal Qormi sabiex jigbor xi *quotations* u li sussegwentement kien ikkonferma l-ordni tieghu. Ikkonferma li nhar l-ghaxra (10) t'Awissu 2004 kien hallas is-somma ta hames mitt lira Maltin (LM500) u fit-tnax (12) t'Ottubru 2004 kien hallas mitejn lira Maltin (LM200) ohra. Spjega li l-hames mitt lira Maltin (LM500) kien hallashom fuq xiri ta madum ta' l-art u kien tahom bhala *deposit* fuq ix-xiri tal-kmamar tal-banju. Dwar it-tqeghid kien tkellem ma l-istess persuna fl-istess stabiliment fejn kien xtara kollox. Ikkonferma li r-ricevuta mmarkata bhala Dok. RB 3 mahruga minn Vella Falzon Capital Projects, harget in konnessjoni ma tqeghid ta' madum.

**Alex Vella Falzon xehed** fl-istess jum tat-tnax (12) ta' Dicembru 2007 u kkonferma li l-ircevuta markata bhala Dok. RB 3 giet rilaxxjata minnu waqt li z-zewg ricevuti l-ohra mmarkati bhala Dok. RB 1 u RB 2 gew mahruga minn ohtu. Jghid li pero n-negozjati mal-konvenut saru minnu. Mistoqsi ghaliex l-ircevuti hargu minn zewg kumpaniji distinti jghid li s-socjeta attrici hija l-kumpanija li tiehu hsieb it-*turnkey projects* waqt li s-socjeta Vella Falzon Building Supplies hija s-socjeta li tipprovdi il-bejgh tal-oggetti *whole sale* u *retail*. Ighid li ghalhekk minflok ma l-klijent ikollu x'jaqsam ma zewg kumpaniji separati huma jifthu *file* wiehed u s-socejta Vella Falzon Building Supplies Ltd tipprovdi dak li ser jigi utilizzat mis-socjeta attrici mbaghad il-pendenzi taz-zewg kumpaniji jitrangaw internament. Huwa ghalhekk li l-ircevuta nharget mis-socjeta attrici ghaliex kienu diga bdew bix-xoghlijiet. Ikkonferma li l-ammont mitlub fl-avviz fis-somma ta' erbat elef disa' mija u sittax il-lira u tlieta u erbghin centezmu

Maltin (LM4,916.43) jirrapprezenta kemm *mano d'opera* kif ukoll materjal. Dwar dak li jigri internament bejn iz-zewg kumpaniji huma ma jghidu xejn lill-klijent.

Nhar it-tmintax (18) ta' Frar 2007 x-xhud rega' xehed u spjega li l-ammont mitlub fl-avviz jirrapprezenta 'n kwantu, ghal tlett elef, tlett mija u erbgha liri Maltin (LM3,304) ix-xoghol ghal-'*labour'* u l-bilanc jirrapprezenta l-materjal. Jghid li meta kien tkellem mal-konvenut huwa kien ghamillu *collection sheet* u gabarlu l-*quotations* kollha li ghandhom x'jaqsmu ma *supplies* u dahhalu l-*labour contents.* Huwa esebixxa dan id-dokument li gie mmarkat bhala Dok. AVF 2. Jispjega u jghid li wara li kienet saret din il-*collection sheet* ghamel xi emendi li gew imhazza bil-miktub minnu u huma ndikati bil-kulur orangjo. Qal li l-ammont globali kien ta' sebat elef erba' mija u hames liri Maltin (LM7,405) eskluz il-VAT. Huwa esebixxa ukoll il-*quotations* li kien ghamel, konsistenti f'sitt faccati li gew mmarkati bhala Dok. AVF 3.

Spjega wkoll ulterjorment li fl-istruttura taghhom hemm tlett kumpaniji li joperaw u ghalhekk ighid li meta persuna tidhol fix-*showroom* tieghu ma jfissirx li gie biex jaghmel negozju ma kumpanija specifika izda kollox jiddependi fuq ix-xoghol li jirrikjedi l-klijent. F'dan il-kaz, jispjega illi l-*quotations* kienu hargu fuq *quotation book* tas-socjeta Italian Image Company pero l-*logo* tal-grupp huwa Vella Falzon u jidher ukoll fuq dan id-dokument.

Illi nhar it-tmienja (8) ta' Mejju 2008 il-partijiet ittrattaw l-ewwel eccezzjoni dwar jekk il-konvenut ghandux relazzjoni guridika mas-socjeta attrici u din il-kawza illum tinsab differita ghal din is-sentenza preliminari.

Ikkunsidrat:-

Illi m'hemmx dubju li stante l-versjoni differenti moghtija mix-xhieda msemmija, w appuntu Roderick Bonnici u Alex Vella Falzon, is-soluzzjoni tal-kwisjoni timpermja ruhha fuq valutazzjoni tad-deposizzjonijiet moghtija. F'tali valutazzjoni ghandha tigi moghtija mportanza ghan-natura tal-fatti allegati biex wiehed japprezza sewwa l-valur tad-deposizzjonijiet, u dan il-valur jonqos u jista jispicca fix-xejn meta l-fatti allegati ma jkunux probabbli jew verosimili.

Illi mill-provi prodotti mis-socjeta attrici jirrizulta minn dak li qal Alex Vella Falzon li li fl-istruttura taghhom hemm tlett kumpaniji li joperaw u ghalhekk ighid li meta persuna tidhol fix-*showroom* tieghu ma ifissirx li gie biex ighamel negozju ma kumpanija specifika izda kollox jiddependi fuq ix-xoghol li jirrikjedi l-klijent. F'dan il-kaz spjega li l-*quotations originali* kienu nhargu fuq *quotation book* tas-socjeta Italian Image Company pero l-*logo* tal-grupp huwa Vella Falzon u jidher ukoll fuq dan id-dokument (vide Dok. A fol. 28). Illi sussegwentement meta l-konvenut ghamel zewg *deposits* fuq il-kmamar tal-banju li kien xtara minghandhom, inhargu zewg ricevuti f'isem is-socjeta Vella Falzon Building Materials & Services Limited (vide Dok. RB 1 u RB 2 fol. 11) u meta effettivament il-konvenut kien ftiehem mieghu sabiex iwahhallu l-madum huwa kien gie *invoiced* mis-socjeta attrici (vide Dok. RB 3 a fol. 12). Illi ghalhekk il-konvenut mill-bidu net setgha jinduna li kien hemm grupp ta' socjetajiet li kienu involuti f'dan in-negozju. Alex Vella Falzon spjega li meta persuna tixri l-materjal minghandu bhala *retail* hija s-socjeta Vella Falzon Building Materials & Services Ltd li jkollha x'taqsam izda mbaghad jekk ikun hemm xi *turnkey project* kif gara f'dan il-kaz ghat-twahhil tal-madum hija s-socjeta attrici li jkollha x'taqsam. Spjega wkoll li mbaghad internament is-socjeta Building Materials & Services Ltd tohrog *invoice* lis-socjeta attrici u r-

relazzjoni tkun wahda interna bejn iz-zewg socjetajiet izda l-klijent jibqa b'kont wiehed u cioe mas-socjeta attrici. Huwa ma hassx li tkun haga tajba li l-klijent ikollu kontijiet separati u kien ghalhekk li kienet is-socjeta attrici li pprezentat il-kawza odjerna.

Minn naha tieghu l-konvenut qed ighid li huwa ma jafx li kellu x'jaqsam mas-socjeta attrici u n-negozju kien ghamlu mas-socjeta Vella Falzon Building Materials Services Ltd biss, pero jghid li meta mar ihallas *deposit* ghax-xoghol ta' tqeghid tal-madum li kien qed isir fil-proprjeta tieghu dana gie *invoiced* mis-socjeta attrici. Jghid li kien jaf li kien qed jinnegozja mal-istess persuna ghaliex dejjem ma Alex Vella Falzon kien tkellem. Fil-fatt jghid li huwa tkellem dejjem ma l-istess persuna sabiex ikollu nqas problemi.

Illi ghalhekk mis-suespost jirrizulta li l-ispjegazzjoni kif moghtija minn Alex Vella Falzon hija izjed konformi mal-fatti u l-proceduri kif avveraw ruhhom fil-fatt u li ghalhekk fil-verita l-konvenut ghandu relazzjoni guridika mas-socjeta attrici.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta u tiddecidi billi tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut u tordna l-prosegwiment tal-kawza.

L-ispejjez ta' din is-sentenza huma riservati ghal gudizzju finali.**"**

Dan huwa appell fejn il-konvenut jillanja mid-decizjoni ta' l-ewwel Qorti li cahditlu l-eccezzjoni ta' l-assenza ta' rapport guridiku mal-kumpanija attrici in kwantu jikkoncerna l-pretiza kreditorja taghha ghall-hlas tal-prezz tal-madum komprat minnu;

Distintement, l-atti processwali jistabilixxu illi l-appellanti jibbaza l-assunt tieghu b'dik l-eccezzjoni fuq l-istregwa tar-ricevuti rilaxxjati lilu. Senjatament, dawk esebiti a fol. 11 u 12 tal-process manifestanti d-depozitu ghax-xiri tal-prezz tal-madum emessi mis-socjeta` Vella Falzon Building Supplies Ltd u dik l-ohra tal-hlas akkont ghax-xoghol tat-tqeghid ta' l-istess madum mahruga mill-kumpanija attrici. Minn dan l-appellanti jigbed il-konkluzjoni illi, allura fil-kaz tal-kompravendita tal-madum huwa ma kellu ebda relazzjoni guridika mas-socjeta` attrici appellata, kemm ghal dik ir-raguni u, ukoll, ghall-fatt li ma ngiebet ebda prova ta' xi cessjoni jew assenjazzjoni tal-kreditu minn kumpanija l-wahda lill-ohra;

Jidher li l-argoment kollu tal-konvenut appellanti jittraduci ruhu ghal dan. Huwa qieghed jikkontendi illi s-socjeta` attrici ma ghandha ebda rabta ma' dik tad-domanda taghha ghall-hlas minghandu tal-madum ghaliex, se mai, dak id-dritt vantat minnha huwa in kap ghal kumpanija ohra;

In linea ta' principju procedurali ma ghandux ikun kontrovers illi s-soggett legittimat li jistitwixxi l-azzjoni huwa dak interessat li jinvoka mill-qorti t-tutela gurisdizzjonali tad-dritt personali tieghu. Dan fis-sens illi hu rimess lilu d-dritt li jitlob dik it-tutela in relazzjoni ghat-talba minnu proposta u, konsegwentement, ghall-otteniment tal-gudizzju dwarha. Innegabilment, din il-legittimazzjoni tikkostitwixxi kondizzjoni importanti ta' l-azzjoni fil-ksib mill-attur ta' decizjoni fil-mertu skond dak prospettat minnu bit-talba jew talbiet fl-isfond tar-rapport sostanzjali dedott fil-gudizzju. Naturalment, meta tinsorgi l-eccezzjoni, konsimili ghal dik f'dan il-kaz, jispetta lill-qorti adita li tivverifika jekk l-attur, u, ukoll, il-konvenut, humiex effettivament parti attiva u passiva f'dak ir-rapport. F'dan l-ezercizzju l-qorti hi vinkolata mhux biss mill-fatti allegati u provati izda wkoll mit-talbiet li fuqhom dawk il-fatti jkunu bazati;

Fil-kaz prezenti jidher, koncizament illi l-accertamenti maghmula mill-ewwel Qorti wassluha ghar-ragonament illi, meta kkontratta, il-konvenut ma ftihemx ma' xi kumpanija partikolari minn fost il-kumpaniji fi hdan il-Grupp Vella Falzon izda mar-rapprezentant fiziku ben identifikat u komuni ghas-socjetajiet kollha. Fuq il-valutazzjoni taghha tal-provi in rapport ghat-talbiet din il-Qorti tikkonkorda ma' dan ir-*ratio. Ex conessis*, fl-Affidavit tieghu a fol. 9 tal-process il-konvenut nnifsu jaccetta illi, fost fornituri ohra tal-materjal li huwa htieglu jakkwista ghal xoghlijiet fid-dar tieghu, huwa mar ukoll "ghand ta' Vella Falzon li qeghdin Hal Qormi". Jinzel minn din l-affermazzjoni illi ghalih kien immaterjali jekk in-negozju kienx qieghed isir ma' xi kumpanija specifika ghax, la ghogbu, dak li kien qed jixtri jew jitlob bi prestazzjoni kien ser isir minn "Vella Falzon". Jekk saru kontrattazzjonijiet dawn kienu komplessivament mal-Grupp tramite l-partecipazzjoni tar-rapprezentanti komuni;

Ikollu jinghad, imbaghad, illi r-ricevuti *ut sic* ma kellhomx ikunu interpretati, fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz, bhala li kienu jikkrejaw ir-rapport negozjali bejn il-konvenut u l-kumpanija partikolari li emittithom. Dawk ir-ricevuti kienu biss rapprezentativi ta' dik il-kwittanza tal-hlasijiet li saru, sija jekk ir-riferenza ghall-oggett mixtri jew tas-servizz ricevut. Fiz-zgur, dan kien hekk il-kaz ghall-konvenut appellanti li minnu dak l-akkwist u minn dik il-prestazzjoni irceva avvanz patrimonjali proprju;

Raggunta din il-konkluzjoni mhux il-kaz li l-Qorti toqghod tinoltra ruhha fil-konsiderazzjoni legali kostitwita mill-argoment sottomess ta' l-ezistenza, o meno, tac-cessjoni jew assenjazzjoni tal-kreditu. Tillimita ruhha biex tirriafferma, bhall-ewwel Qorti qabilha, illi l-eccezzjoni ma hijiex sostenibbli, anke ghaliex mill-atti ma tidherx li tissussisti ebda karenza ta' dik il-legittimazzjoni attiva fis-socjeta` attrici appellata fil-proponiment ta' l-azzjoni.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata bl-ispejjez kontra l-konvenut appellanti. L-atti qed jigu rimessi lill-ewwel Qorti ghall-kontinwazzjoni u decizjoni tal-mertu u ta' l-eccezzjonijiet l-ohra ghalih.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------